**IN-NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 29 - L-ERBGĦA 30 TA' ĠUNJU 2021**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-18:00.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Dr Christopher Deguara | Viċi-Sindku (permezz ta' zoom- 18:15) |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier (permezz ta' zoom) |
| | Mark Anthony Deguara | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier (wasal fis-18:11) |
| | Ivan Gaffiero | Kunsillier |
| | Stephen Abela | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa *live* fuq il-paġna ta' *Facebook tal-Kunsill.*

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

1.1 Ma kienx hemm apoloġiji.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1 Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa preċedenti.

2.2 Il-Minuti kienu kkunsidrati moqrija u ġew approvati *nem con* wara proposta mill-Kunsillier Deguara ssekondata mill-Kunsillier Gaffiero.

2.3 Dwar para. 2.5 l-MOU kien differenti minn dak miftiehem qabel u ghalhekk ma hassejtnix li kellu jkun iffirmat.

2.4 Dwar para. 3.4 is-Sindku kkomunikajt ma' IM u infurmaha li Triq Leli Falzon se jibdew ix-xogħlijiet fl-ewwel ġimgħa ta' Lulju. Talbithom jibgħatulna Traffic Management Plan iżda sal-ġurnata ma waslet xejn.

2.5 Dwar para. 3.12 is-CCTV's twaħħlu fejn il-bandli Gnien Toni Vella però fadal li jkunu kkonnettjati.

2.6 Dwar para. 3.13 ninsabu f'komunikazzjoni mad-Dipartiment iżda sfortunatament qed jitolbu informazzjoni li qatt qabel ma kienu qed jitolbu u

qed nieħdu parir Legali dwar jekk id-Dipartiment mhux qed jimxi skond il-Ligi.

2.7 Dwar para. 3.15 is-Sindku rringrazzjat lill-Kunsillier Mark Deguara talli ħa sehem fil-Clean up li organizzaw Hilltop Gardens.

2.8 Dwar para. 11 Is-Sindku tinsab f'kuntatt mal-Perit rigward il-pjanta li se ssir ghal matul il-Kosta biex imbagħad ngħadduha lil IM.

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku ppreżentat il-komunikazzjoni tagħha kif ġej:

3.2 27 ta' Mejju – L-ERA għamlet Konsultazzjoni Pubblika u l-Kunsill flimkien mar-Regjun Tramuntana kien preżenti mal-Konsulenti tagħna.

3.3 9 ta' Ġunju – Saret Konsultazzjoni Pubblika bil-preżenza ta' Dr Edwin Mintoff (perit tal-proġett) fuq il-proposta ta' pjanti fejn ġie diskuss il-pjan rivedut għal-Proġett fil-parkeġġ tat-*tradefair grounds*.

3.4 16 ta' Ġunju – Is-Sindku kellha laqgħa mal-President tal-Malta Chamber of SME's fejn ġew diskussi xi punti fuq slow streets. Intqal li minkejja dan il-Proġett ġie diskuss mal-Kunsill, il-Kunsill għadu ma rċeviex il-fondi sabiex dan iseħħ. Meta jaslu l-fondi l-Kunsill jikkonsulta mar-residenti qabel ma jsir xi tibdil.

3.5 16 ta' Ġunju – Saret laqgħa mal-kumpanija BOLT e-scooters fejn dawn qed iħeġġu l-Kunsilli kollha jmorru għal trasport sostenibbli. Se tkun diskussa aktar tard fil-laqgħa.

3.6 21 ta' Ġunju – Saret laqgħa mal-Kunsilliera responsabbli għal-Baħar iċ-Ċagħaq. Is-Sindku xtaqet tirringrazzjaha tax-xoghol li qed tagħmel f'BIC u tajjeb li jinżamm kuntatt biex flimkien bħala Kunsill nagħmlu kull z-zona aħjar. Iddiskutejna dawn il-punti:

3.6.1 Il-Ġnien Sta. Marija tal-Angli fejn il-Kunsill ilu 3 snin jistenna li jsiru t-tiswijiet mill-Public Works Department u issa bagħatilna 'program of works'.

3.6.2 Il-punti l-oħra li ġew diskussi ser jiġu mgħoddija lis-sotto kumitat tal-ilment.

3.7 22 ta' Ġunju – Is-Sindku kienet preżenti fl-appell li għamel l-applikant għall-Pompa tal-Petrol fid-daħla tal-Magħtab fejn qal li ried xi klarifikazzjonijiet u għalhekk appella. L-Avukat tar-residenti qalet għalfejn reġa' appella peress li din kienet ġa deċiża u fil-fatt hemm applikazzjoni għal 2 farmhouses minflok din l-applikazzjoni. Din kienet trattazzjoni bejniet l-Avukati u kienet posposta għal deċiżjoni fix-xhur li ġejjin.

3.8 Dakinhar ukoll kellha seduta tal-PA fuq permess PC17/20, dan huwa razzett fil-viċinanzi ta' Baħar iċ-Cagħaq fejn jrid:

3.8.1 Proposed change of 3.0m wide front garden from that approved in PC/00052/17, into a public passage, continuation of a 3.0m wide public passage along the remaining length of the site and along the limits of development. The last 2m of this proposed passage, closer to the 3rd parties, is being proposed as a front garden.

3.9 Ic-Chairman tal-PA staqsa lis-sid ta' din il-farmhouse biex darb'oħra jersaq għal seduta ma' Avukat u Perit, dan minħabba li l-razzett tiegħu huwa protett mill-Heritage.

3.10 Il-Kunsill qed jiffaċċja problema fuq l-iskart minħabba li Wasteserv qed jinfurzaw regolamenti fuq il-kolletturi. Dan qed iwassal biex ċerti boroż ma jistgħux jinġabru u għalhekk is-Sindku qed tipproponi biex b'konsultazzjoni mal-kuntrattur, jiġu ordnati stickers li jitwaħħlu mal-boroż li ma jkunux jistgħu jinġabru.

3.11 23 ta Gunju – Is-Sindku kellha Laqgha tar-Regjun.

**4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI**

4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

**5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI**

5.1 Is-SE ippreżenta r-rapporti finanzjarji.

5.1.1 Lista ta' pagamenti (immarkata Seduta tal-Laqgħa nr. 8/29) anness f'appendiċi A.

5.1.2 Lista ta' dħul għax-xahar ta' Mejju anness f'appendiċi B.

5.1.3 Lista ta' ordnijiet għax-xahar ta' Mejju anness f'appendiċi Ċ.

5.1.4 Lista ta' infiq mill-petty cash għax-xahar ta' Mejju anness f'appendiċi D.

5.2 Il-Kunsill approva dawn ir-rapporti (*nem con*) wara proposta mis-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Abela.

**6. RAPPORT FINANZJARJU VERIFIKAT**

6.1 Is-SE ressaq ir-rapport finanzjarju verifikat għas-sena 2020.

6.2 Dan kien approvat (*nem con)* wara proposta mis-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Gatt.

**7. MINUTI TAL-KUMMITAT TAL-FINANZI**

7.1 Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi li saret it-Tlieta 15 ta' Ġunju (anness f'appendiċi E).

7.2 Il-Kunsill approva (*nem con*) wara proposta mis-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Abela.

**8. MINUTI TAS-SOTTOKUMITAT TAT-TALBIET U LMENTI**

8.1 Is-SE ressaq il-minuti/rapport tal-laqgħa tas-sottokumitat tat-talbiet u lmenti li saret it-Tlieta 15 ta' Ġunju 2021 (anness f'appendiċi F).

8.2 Il-Kunsill approva r-rapport fuq proposta tas-Sindku ssekondata mill-Viċi Sindku.

9. **APPLIKAZZJONI GĦAL ŻVILUPP PA 242/20**

9.1 Is-Sindku ressqet għall-kummenti tal-membri l-applikazzjoni msemmija. Dan sar biex il-Kunsill ikollu pożizzjoni uffiċjali peress li hi se tkun preżenti għal-laqgħa tal-Awtorità meta tiddiskuti din l-applikazzjoni.

9.2 Wara diskussjoni, li segwiet preżentazzjoni ta' viżwali tal-proġett, il-Kunsill ikkonkluda li m'għandux kwistjoni fuq l-għoli iżda li l-Kunsill għandu jinsisti li:

9.2.1 Ikun hemm kundizzjoni li s-siġar indikati fuq il-pjanti u l-viżwali għandhom ikollhom garanzija marbuta magħhom li jiġu mantnuti.

9.2.2 Il-ħajt li jidher minn Pjazza Ċelsi għandu jkun magħmul minn ġebla antika li tixraq mal-post.

## 10. DISKUSSJONI MA' BOLT E-SCOOTERS

10.1 Is-Sindku infurmat li flimkien mas-SE kellha laqgħa ma' uffiċjali ta' Bolt E-Scooters.

10.2 Wara li kien spjegat il-ħsieb eżatt tal-laqgħa, il-Kunsill qabel li jindika dawk il-toroq/postijiet li fihom għandu jkun projbit l-ipparkjar ta' e-scooters. Fost dawn għandu jkun hemm dawk it-toroq dojoq, bla bankina (jew bankina dejqa) li minnhom jgħaddi t-traffiku (eż Triq Santa Luċija).

10.3 Apparti hekk għandu jkun ukoll projbiet żoni fejn djar tal-anzjani.

## 11. SEJĦA GĦALL-APPLIKAZZJONIJIET TAĦT IL-PROGRAMM TAL-EU GĦALL-ĠEMELLAĠĠI U NETWORKS

11.1 Is-Sindku tat informazzjoni dwar il-possibiltà ta' applikazzjonijiet relatati u li kull Kunsillier kien irċieva tali komunikat permezz tal-email.

11.2 Hija stiednet lill-Kunsillieri biex jekk ikollhom ideat għal proġetti relatati javviċinawha.

11.3 Sadanittant il-Kunsill qabel li jekk u kif ikollu idea addattata, għandha tkun sottomessa applikazzjoni filwaqt li jkunu aċċettati wkoll talbiet biex nipparteċipaw f'applikazzjonijiet li s-Sindku u s-SE jaqblu li jkunu ta' interess għall-Kunsill.

## 12. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

12.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 21 ta' Lulju 2021 fis-17:45.

12.2 Il-Laqgħa ntemmet fis-19:10.

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |